# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

**MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn (15) ta' Frar 2016**

**Rikors Numru 172/15 FDP**

**Rimus Trading Agency Limited**
**(C 20020)**

**Vs**

**Brian Stafrace**
**(ID 190277M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikorsipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-16 ta' Gunju 2015 fejn is-socjeta attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasu s-somma ta' tlett elef, disgha mija u hmistax-il Euro u hamsa u hamsin centezmu (€3,915.55) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata izda mhux imhallsa.

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta sekwestru kawtelatorju ippresentat kontestwalment u bl-imghax kummercjali mit-28 ta' Gunju 2013 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz gew notifikati lill Roger Attard personalment fis-7 ta' Jannar 2016 (fol 11).

Rat illi l-konvenut, fil-21 ta' Jannar 2016, ippresenta eccezzjonijet fejn gharraf illi kellu jaghti xi flus, ghalkemm l-ammont kellu jigi ppruvat, izda qieghed jipprova jhallas id-dejn u lest li jhallas bil-mod.

Ra illi fl-4 ta' Frar 2016, l-konvenut deher quddiem il-Qorti u kkonferma illi t-talba kif dedotta u talab lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza abbazi ta' l-ammissjoni tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet l-ammissjoni ta' l-intimat illi saret fl-4 ta' Frar 2016 fejn qal illi d-debitu huwa dovut, issib li t-talba tal-istess socjeta attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-**

**somma ta' tlett elef, disgha mija u hmistax-il Euro u hamsa u hamsin centezmu (€3,915.55) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenut w bl-imghaxijiet kummercjali mit-28 ta' Gunju 2013 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.**

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Magistrat**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**